Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta’ Lulju 2015**
**(OR. en)**

**10246/15**

**EF 125**
**ECOFIN 547**
**SURE 17**
**DELACT 72**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | COREPER II u l-Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9710/15 |
| Nru dok. Cion: | C(2015) 3754 final |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) …/… tal-5.6.2015 dwar l-ekwivalenza tar-reġim ta' solvenza u prudenzjali għall-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fis-seħħ fl-Iżvizzera abbażi tal-Artikoli 172(2), 227(4) u 260(3) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>= intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat ta' hawn fuq b'mod konformi mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u l-Artikolu 301a tad-Direttiva 2009/138/KE[1],

2. F’konformità mal-Artikolu 301a(5) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-Kunsill jista’ joġġezzjona għal dan l-att delegat fi żmien perijodu ta’ tliet xhur, jiġifieri sal-5 ta’ Settembru 2015.

3. Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni mid-delegazzjonijiet matul il-proċedura ta' silenzju li skadiet fit-30 ta' Ġunju 2015.

[1] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155.

4. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li hu ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan ifisser li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 301a(5) tad-Direttiva 2009/138/KE.